TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/71/21/S

Jean Pierre Caligari
vs
Michael Buhagiar ezercenti l-kummerc bhala Lourdes Service Station

Illum 30 ta'Marzu,2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Jean Pierre Caligari pprezentata fl-10 ta'Mejju,2021 u r-risposta ta' Loudes Service Station ipprezentata fis-26 t'Ottubru,2021;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda imressqa minnhom u t-trattazzjoni li saret fis-seduta tat-12 ta'Mejju,2022;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda pompa tal-petrol ghall-vettura Citroen C2 mixtrija minghand l-intimat u li beda' jinstema' hoss stramb;

Illi l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta ighid li : *"L-obbligu tal-prova ta'fatt imiss dejjem lil min jallegah"*. Inoltre dan hemm ukoll l-artiklu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta li jghid li *"…il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib"*;

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti irid jipprova li l-intimat hu responsabbli ghall-allegati hsarat;

Illi mhemmx kontestazzjoni fuq il-hsara izda dwar ir-responsabilita;

Illi l-provi mressqa jikkonfermaw li l-problema gejja mill-pompa tal-petrol u l-intimat accetta li jhallas is-somma ta' €115 lir-rikorrenti filwaqt li dan tal-ahhar jirritorna l-pompa lura lill-intimat[1];

Illi t-Tribunal jinnota li dan l-arrangament hu maqbul bejn il-partijiet u jaghmel tieghu dan il-ftehim;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Jean Pierre Caligari filwaqt li Jordna lill-intimat Michael Buhagiar ezercenti l-kummerc bhala Lourdes Service Station ihallas lil Jean Pierre Caligari s-somma ta' €115 filwaqt li Jordna wkoll li Jean Pierre Caligari jirritorna lura lill-intimat il-pompa tal-petrol. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[1] Seduta mizmuma fit-12 ta'Mejju,2022.